**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 18**
**Appell Nru: 107/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Carmelo Magri, u**
**Spettur Simon Galea )**

**Vs**

**LEONE SIVE LEO GRECH**

**Illum, 25 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Leone sive Leo Grech talli fl-1 ta'Ottubru, 2000, ghal habta ta' l-4.00 p.m., u fix-xhur ta'qabel din id-data, fil-fond bl-isem "Paramount", 225, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, (**1**) kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu, kif ukoll zamm pistola awtomatika tal-marka Phoenix Arms 0.25 Auto bin-numru serjali 3014088 kompluta b'ghaxar (10) bullets kalibru 0.25 Winchester, kif ukoll pistola awtomatika Davies Industries 0.32 Auto bin-numru serjali P095931 kompluta bi tnejn u ghoxrin (22) bullet kalibru 0.32 RCP, minghajr licenzja mahruga f'ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 (1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta'Malta, (**2**) f'dawn il-Gzejjer, nhar l-1 ta'Ottubru, 2000, u fix-xhur ta' qabel din id-data,

meta gie fil-pussess ta' l-armi tan-nar u munizzjon 'l fuq imsemmija, xort'ohra milli mil-licenzja, naqas li minnufih jaghti l-avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk dawk l-armi tan-nar u/jew munizzjon kellhomx jinzammu taht il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tghat l-avviz, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 9 (1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta'Malta, (**3**) Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tad-Direttur tad-Dipartiment Ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT), talli fl-1 ta'Ottubru, 2000, u/jew f'xi data qabel, gie misjub li xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu pistola awtomatika Phoenix Arms 0.25 Auto, bin-numru serjali 3014088 kompluta b'ghaxar bullets kalibru 0.25 Winchester, kif ukoll pistola awtomatika Davies Industries 0.32 Auto, bin-numru serjali P095931 kompluta bi 22 bullets kalibru 0.32 RCP li l-importazzjoni ta' dawn l-oggetti hija projbita u/jew ristretta, u dan kollu bi ksur ta' l-Artikoli 60 (a)(b)(c)(k), 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u l-paragrafu (a) tal-Proviso ta' l-Artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37), kif ukoll ta' l-Artikolu 80 ta' l-Att Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Att XXIII) tal-1998.

Rat is-sentenza moghtija fis-17 ta'Mejju, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Leone sive Leo Grech hati ta' dawn l-akkuzi w kkundannatu ghall-Lm200 Multa, kif ukoll ghall-piena ta'prigunerija ghall-zmien gimgha li ai termini ta' l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 din giet sospiza ghal zmien sentejn, kif ukoll ordnat il-konfiska ta' l-armi u munizzjon in kwistjoni.

Rat ir-rikors t'appell ta'Leone sive Leo Grech datat 29 ta'Mejju, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-htija tieghu taht l-ewwel u t-tieni akkuzi, tirrevokaha ghal dik li hi t-tielet akkuza, jew alternativament, jekk din it-talba ma tigiex milqugha, tbiddel il-piena ta' sentenza sospiza ghal wahda anqas severa.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi ghal dak li jirrigwarda l-meritu ta' dan il-kaz, din il-Qorti ezaminat sewwa l-provi kollha w ma tara ebda motiv ghaliex ghandha b'xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-apprezzament li ghamlet ta' dawk il-provi. Il-fatti juru bic-car li l-appellant kien jaf ben tajjeb li qed jixtri zewg armi tan-nar bil-munizzjon b'kollox meta ma kienx ghadu fil-pussess tad-dokumentazzjoni necessarja li turi li dak il-bejgh kien wiehed legalment regolari. Hu inutili ghall-appellant li jghid li kellu fiducja f'min kien bieghlu dawk l-armi w munizzjon li jgieblu dik id-dokumentazzjoni aktar tard u li ghalhekk kien zammlu xi mitt lira Maltin (Lm100) mill-prezz tal-bejgh.

Jirrizulta li l-appellant huwa dilettant u kollettur ta' l-armi u li din ma kienetx l-ewwel darba li hu kien xtara oggetti bhal dawn. Kien jaf sewwa x'inhi l-procedura rikjesta mil-ligi sabiex wiehed jkun jista' jakkwista armi minghajr ma jinkorri fi ksur ta' xi disposizzjoni tal-ligi. Ir-raguni li qed iressaq, ghalhekk, ma ghandha ebda valur jew validita' legali. F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti certament issib li in bazi tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, hi setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal dawk il-konkluzzjonijiet li fil-fatt waslet ghalihom.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, din l-Qorti taqbel li f'dan il-kaz il-piena pekunjarja w karcerarja hija wahda tasssattiva. Izda hawnhekk tara li anke l-ewwel Qorti fehmet ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, u, filwaqt li applikat dik il-piena pekunjarja applikabbli in bazi tal-valur ta' l-oggetti w d-dazju fuqhom, applikat piena karcerarja kemm jista' jkun vicin il-minimu w ordnat li din tigi sospiza ghall-zmien sentejn. U hu propju hawnhekk li din il-Qorti thoss li l-ewwel Qorti kienet forsi xi ftit sproporzjonata, cioe' ghal dak li jirrigwarda z-zmien tal-perijodu operattiv ta' din il-piena karcerarja sospiza. F'cirkostanzi bhal dawn fejn anke l-ewwel Qorti dehrilha li kellha timponi piena karcerarja kwazi fil-minimu taghha, cioe' dik ta' gimgha, kien ikun allura aktar adegwat u

gust li anke iz-zmien tal-perijodu operattiv ta' din il-piena karcerarja sospiza jkun ukoll fil-minimu tieghu, cioe' dak ta' sena.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell ta'Leone sive Leo Grech bil-mod segwenti : (**1**) tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak li hu dikjarazzjoni w sejbien ta'htija fl-akkuzi kollha mressqa kontrih, (**2**) tikkonferma ukoll dik il-parti tal-piena fejn l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghall-Multa komplessiva ta' mitejn lira Maltin (Lm200) kif ukoll ghall-piena karcerarja ghall-zmien gimgha, liema piena karcerarja ghandha tibqa' sospiza ai termini ta' l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9, u (**3**) tbiddel il-parti tal-piena fejn l-ewwel Qorti ordnat li z-zmien tal-perijodu operattiv ta' din il-piena karcerarja jkun ta' sentejn, u minflok, tordna li dan iz-zmien tal-perijodu operattiv ghandu jkun ta' sena. Tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata, inkluz kull ordni iehor moghti mill-ewwel Qorti.

Aldo Testone
Deputat Registratur